# SECONDARY SCHOOL ANNUAL EXAMINATIONS 2002

Educational Assessment Unit - Education Division

| **Form 3** | **RELIĠJON** | **ĦIN: Siegħa u nofs** |
|---|---|---|

ISEM: ____________________________________ KLASSI: _________

Sezzjoni A

**Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet**

1. X'tifhem bil-kelma 'Trasfigurazzjoni'? (2)

_______________________________________________

2. Ta' min kien il-leħen li nstema' fit-Trasfigurazzjoni ġej mis-sħaba? U x'qal? (2)

_______________________________________________

3. Minn fejn jiġu t-tentazzjonijiet? (3)

_______________________________________________

4. Lil min għandna nitolbu biex iwassalna lejn verità sħiħa? (2)

_______________________________________________

5. Aħna l-insara kif ningħarfu li aħna dixxipli ta' Ġesù? (2)

_______________________________________________

6. X'nistgħu nitgħallmu mill-imġieba ta' Ġesù lejn il-ġenituri Tiegħu? (2)

_______________________________________________

7. Għid f'liema okkażjoni l-ulied huma obbligati li ma jobdux lill-ġenituri tagħhom? (2)

_______________________________________________

8. Kif għandna ngħożżu s-sbuħija tas-sess? (2)

_______________________________________________

9. Semmi tliet allat ta' żminijietna. (3)

_______________________________________________

**(20 marka)**

Sezzjoni B

**Qabbel billi tikteb in-numru t-tajjeb quddiem it-tieni kolonna.**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Mulej, agħmilni | | milli nħobb jien |
| 2. Fejn hemm il-mibegħda | | ħallini nferrex il-ferħ |
| 3. Fejn hemm il-ħtija | | ħallini nkebbes id-dawl |
| 4. Fejn hemm id-dubju | | ħallini nqawwi t-tama |
| 5. Fejn hemm il-qtigħ il-qalb | | milli nifhem lil ħaddieħor jien |
| 6. Fejn hemm id-dlam | | milli nfarraġ jien |
| 7. Fejn hemm in-niket | | ħallini nferrex il-maħfra |
| 8. La tħallix li iżjed infittex li nkun imfarraġ | | ħallini ndaħħal il-fidi |
| 9. Li iżjed jifhimni ħaddieħor | | ħallini nħeġġeġ l-imħabba |
| 10. Li iżjed inkun maħbub | | strument tal-paċi tiegħek |

**(10 marki)**

Sezzjoni Ċ

**Ikteb il-kelma *IVA* jew *LE* wara kull sentenza**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Ġesù kien iħobb lill-appostli billi kien jaqsam magħhom dak li kien hemm f'moħħu u f'qalbu. | ____ |
| 2. | L-iskop tat-talb hu biss li naqilgħu xi ħaġa li jkollna bżonn. | ____ |
| 3. | L-attività sesswali qabel iż-żwieġ mingħajr imħabba hija aċċettata mill-Knisja. | ____ |
| 4. | Is-sultan Sawl kien il-ħabib kbir ta' David. | ____ |
| 5. | San Pawl xebbah il-ġisem tagħna ma' tempju ta' l-Ispirtu s-Santu. | ____ |
| 6. | Il-bniedem huwa tassew ħieles meta jagħżel is-sewwa. | ____ |
| 7. | Fejn hemm il-karità u l-imħabba hemm Alla. | ____ |
| 8. | Il-kelma Evanġelju tfisser l-aħbar it-tajba. | ____ |
| 9. | Ir-raba' kmandament hu li tagħti ġieħ lil missierek u 'l ommok. | ____ |
| 10. | It-tagħlim tal-Knisja huwa favur id-divorzju. | ____ |

**(10 marki)**

Sezzjoni D

**Wieġeb**

a. Ikteb tliet kwalitajiet li għandu jkollu ħabib sinċier.

1. ______________________________
2. ______________________________
3. ______________________________

b. Semmi tliet okkażjonijiet fejn Ġesù wera l-imħabba tiegħu ma' min kien fil-bżonn.

1. ______________________________
2. ______________________________
3. ______________________________

ċ. Bħala nisrani kif nista' ngħin lil ħbiebi biex nagħmlilhom kuraġġ.

1. ______________________________
2. ______________________________
3. ______________________________

d. Semmi tliet affarijiet li jgħinuna nifformaw kuxjenza tajba.

1. ______________________________
2. ______________________________
3. ______________________________

**(24 marka)**

Sezzjoni E
**Fisser dawn il-kelmiet**

1. Inneħħu l-preġudizzji

2. "Nisslu u oktru u imlew l-art"

3. Ġesù qal: "Ħobbu lil xulxin bħalma ħabbejtkom jien"

4. "Alla ħalaqna xbieha tiegħu"

**(8 marki)**

Sezzjoni F
**Agħżel wieħed minn dawn is-suġġetti u ikteb fit-tul fuq karta pprovduta**
**(28 marka)**

1. a. Irrakkonta it-tliet tentazzjonijiet li Ġesù kellu fid-deżert u kif wieġeb għalihom.
   b. Kif talab Ġesù biex jirbaħ it-tentazzjoni fil-Ġnien taż-Żebbuġ.
   ċ. Agħti eżempji ta' kif aħna nistgħu negħlbu t-tentazzjonijiet li jistgħu jiġu :
      (i) mix-xitan,
      (ii) mill-ġibdiet ħżiena tagħna,
      (iii) minn persuni u oġġetti oħrajn barra minna.

2. Alla għandu jiġi l-ewwel fil-ħajja tagħna.

a. Il-Bibbja turina li :

(i) Alla huwa Ħallieq ta' kulħadd u ta' kollox,

(ii) Alla hu l-Ħellies u l-Missier tagħna,

(iii) Alla ħalaqna għalih.

Fisser x'tgħallimna l-Bibbja dwar dawn.

b. Għid għaliex id-dagħa, bl-isem ta' Alla jew tal-Qaddisin hu ħażin.
Għid ukoll kif min jieħu ġurament falz jonqos mill-qima lejn Alla.

ċ. Min jiċħad lil Alla jfittex li jimla qalbu bi ħwejjeġ oħra :
Is-sataniżmu, l-okkult, il-Ouija (Wiġa) Board, l-Istilel.

(i) Fisser dawn il-kliem.

(ii) Għìd għaliex dawn huma ħżiena.